**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 24/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Stephen Galea**

**Illum 28 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 241079M.

Billi huwa akkuzat:

1. Talli fil-lejl ta' bejn is-16 u 17 ta' Jannar, 2020, ghall-habta ta' 00:00 hrs irrenda ruhu komplici f'serq minn gewwa JAV Service Station li tinsab gewwa Imdina Road Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer liema serqa hija kkwalifikat bil-hin, u bil-mezz ghad-detriment ta' James Meli u/jew ta' xi persuna/i ohra; Artikoli 42(d), 261, 263, 270; tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-itess lok, hin u cirkostanzi, wara li kien ikkudannat f'Malta ghal serq, kien fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr

ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu u dan bi ksur ta' Art 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sar ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 19 ta' Jannar, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, current incident report datat 17 ta' Jannar, 2020, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-18 ta' Jannar, 2020, dokument minn Transport Malta mmarkata bhala Dok TM1, filmat immarkat bhala Dok JA1, u current incident report datat 16 ta' Jannar, 2020 immarkta bhala Dok JA2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Stephen Cachia, James Meli, PC 1541 Joseph Agius, PC 702 Adrian Briffa.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Transport f'Malta jispjega li mir-ricerka li ghamel fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBC 695, irrizulta li l-vettura hija tal-ghamla Toyota Corolla ta' kulur abjad irregistrata fuq James Mizzi detentur tal-karta tal-identita' numru 536475M u ilha hekk irregistrata mit-30 ta' Awwissu, 2019.

**James Meli**, huwa direttur ta' petrol station li jisimha JAV Services Station, Mdina Road, Qormi. Jispjega li fis-16 ta' Jannar, 2020 ghamel rapport mal-Pulizija li ghal darba ohra, rega sab il-vending machines tal-kafe' proprjeta' tal-General Soft Drinks gewwa petrol station, sgassati. James Meli jghid li l-pompa tal-petrol hija mdawwra b'CCTV cameras u dawn il-vending machines ukoll kellhom cameras fuqhom. Huwa ha dan is-CCTV footage lil pulizija meta ghamel ir-rapport u ftit wara gew tal-Forensika li elevaw box spanner minn taht il-vending li machine suspettata li thalliet mill-hallelin. Jispjega li mill-footage, huwa ra persuna fil-karozza, liema persuna tintgharaf sew, u persuna ohra li nizlet mill-karozza u marret fejn il-magna ta fejn jitfa' l-flus u jiehu l-petrol izda lanqas flus ma kellu fil-kartiera u ghalhekk lanqas biss tefa' flus fil-magna. Din il-persuna regghet marret fejn il-karozza u harget box spanner u mar jisgassa l-vending machine. Is-sewwieq tal-karozza telaq minn fuq il-post, dar il-blokka u rega' gabar lil persuna li nizlet iktar l'isfel. Il-persuna li sgassat il-vending machines kien liebes hoodie u nuccali.

**PC 1541 Joseph Agius**, jispjega li fis-17 ta' Jannar, 2020 dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' Hal-Qormi li kienet giet sgassata vending machine tal-kafe' gewwa l-pompa bl-isem JAV Service Station gewwa Hal-Qormi. Huwa mar fuq il-post fejn ra u eleva CCTV footage. F'dan il-footage ra persuna bil-hoodie tersaq lejn il-magna tal-kafe', tohrog xi haga minn taht il-hoodie u tipprova tisgassa l-magna. Sussegwentement ra vettura tal-ghamla Toyota Corolla ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni KBC 695 tavvicina l-pompa tal-petrol u Stephen Galea hareg minn gol-vettura u deher li qed jipprova jitfa' l-flus fil-magna tal-petrol, mentri fil-fatt ma tefa' xejn, u taparsi beda jaghti l-petrol lill-karozza. Avvicinah il-malvivent, fetah il-bieba tal-vettura, qabad oggett u tefghu fil-qalziet u jerga' mar jipprova jisgassa l-magna tal-kafe. PC 1541 Joseph Agius wara li ra u eleva l-footage, rega' mar l-Ghassa u ghamel ricerka biex jara l-vettura lil min tghajjat. Din il-vettura kienet tghajjat lil certu James Mizzi li joqghod Bormla izda dakinhar l-istess Mizzi ma kienx ghamel uzu mill-vettura. Fit-18 ta' Jannar, 2020 dahlet informazzjoni lill-pulizija li din il-vettura kienet fid-dintorni tad-Detox Centre gewwa l-Pieta'. PC 1541 flimkien ma PC 702 marru fuq il-post fejn lemhu din l-vettura u minn din il-vettura hargu sid il-vettura James Mizzi u Stephen Galea. Il-pulizija gharfu lil Stephen Galea bhala l-

istess persuna fil-filmat. James Mizzi u Stephen Galea marru d-Detox u hekk kif hargu, l-pulizija waqfuhom u ghamlu kuntatt mal-Ispettur Roderick Agius fejn dan tal-ahhar talab li Stephen Galea jaghti d-dettalji tieghu stante li sa dak il-hin, il-pulizija ma kienux jafu l-identita' tieghu. Stephen Galea urihom il-karta tal-identita' tieghu. Wara li l-Ispettur Roderick Agius ghamel kuntatt mal-Magistrat tal-Ghassa, huwa ta struzzjonijiet lil pulizija sabiex dan Stephen Galea jigi arrestat. Stephen Galea inghata t-twissijiet tas-soltu kif ukoll inghata d-dritt li jikkonsulta ma Avukat tal-fiducja tieghu. Saret tfittxija fil-vettura ta' James Mizzi fejn gew elevati xi turnaviti u ghodda ohra.

**PC 702 Adrian Briffa**, jikkonferma li fis-17 ta' Jannar, 2020 dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' Hal-Qormi li kien sar sgass fuq magna tal-kafe' gewwa l-pompa tal-petrol JAV Service Station, gewwa Hal-Qormi. Jikkonferma li l-kollega tieghu eleva l-footage, rawh flimkien fejn dehret il-karozza Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni KBC 695. Fit-18 ta' Jannar, 2020 waqt ir-ronda taghhom, lemhu l-karozza fejn id-Detox Centre, Pieta' fejn minn gol-karozza nizlu James Mizzi, sid il-karozza u Stephen Galea. PC 702 jikkonferma li wara li lestew mid-Detox Centre, hu u l-kollega tieghu avvicinaw lil James Mizzi u Stephen Galea fejn talbu l-particulars ta' Stephen Galea u eventwalment wara kuntatt mal-Ispettur Roderick Agius, Stephen Galea gie arrestat u nghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta ma Avukat tal-fiducja tiegh. Jikkonferma wkoll li saret tfittxija fil-vettura ta' James Mizzi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat li rega' tenna anke wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed sabiex jekk irid jirtira dik l-ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni ta' l-imputat stess il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 42(d), 261, 263, 270, 287, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati fuq l-ammissjoni tieghu cara u inekwivoka tieghu stess ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal perjodu ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel bhala arrest preventiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**